**QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI**

**IMHALLEF**

**ONOR. PATRICK VELLA, B.A., LL.D., M. JUR. (EUR LAW).**

**Seduta Nru : LVI**
**Appell Nru: 244/2000**

**Il-Pulizija (Spettur Patrick Spiteri)**

**Vs**

**PRISCILLA GRIXTI**

**Illum, 6 ta'Gunju, 2001.**

Il-Qorti :

Rat ic-citazzjoni li biha Priscilla Grixti kienet giet akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali talli (**1**) fis-6 ta'Novembru, 2000, ghal habta tad-9.45 a.m., bhala hawker f'Valletta Road, Qormi, naqset li taghti jew li tipproduci ricevuta fiskali permezz ta' cash register fiskali li jikkonforma mal-htigijiet specifikati fil-partita 10 ta' l-14 l-Iskeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 Dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta' provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, 3, u 10 ta' l-imsemmija Skeda, u l-Artikoli 51 u 77 (a) u (e) ta' l-Att Nru: XXIII tal-1998; kif ukoll talli (**2**) fl-istess zmien u fl-istess post, naqset li taghti w tipproduci ricevuta ta'taxxa f'ghamla li tigi provduta mill-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud fuq bejgh ta'provvista, skond il-kumpens lilha mhallas ghal dik il-provvista, u dan bi ksur tal-partiti 1, 2, u 3 ta' l-14 l-Iskeda li tinsab ma' l-Att tal-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud, u l-Artikoli 51 u 77(a)(e) ta' l-Att Nru: XXIII tal-1998.

Rat is-sentenza moghtija mill-imsemmija Qorti fis-26 ta'Ottubru, 2000, li biha, filwaqt li ma hadetx konjizzjoni ta' l-ewwel akkuza ghaliex din kienet giet irtirata mill-prosekuzzjoni, sabet lill-Priscilla Grixti hatja fuq it-tieni akkuza w kkundannata ghall-mitejn lira Maltin (Lm200) Multa.

Rat ir-rikors t'appell ta'Priscilla Grixti datat 7 ta'Novembru, 2000, li bih talbet li din il-Qorti tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjaraha mhux hatja, u tilliberaha minn kull imputazzjoni skond il-ligi.

Rat l-aggravju ta' l-appellanti.

Semghet lix-xhieda mill-gdid bil-gurament.

Rat il-provi li tressqu, id-dokumenti esebiti w l-atti processwali.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT :**

Illi preliminarjament ghandu jinghad li din il-Qorti ghandha ragjonevolment tahseb li l-provi jew xhieda li hi semghet mill-gdid bil-gurament huma sostanzjalment l-istess provi jew xhieda li kienet semghet l-ewwel Qorti u li, in bazi taghhom, dik il-Qorti waslet sabiex issib htija fl-appellanti fuq it-tieni akkuza, stante li l-ewwel wahda kienet giet irtirata mill-prosekuzzjoni.

Mill-apprezzament tal-provi li ghamlet din il-Qorti, ghalhekk, ma ssib ebda raguni l-ghaliex ghandha b'xi mod tvarja jew titbieghed minn dak li kkonkludiet l-ewwel Qorti. Il-provi huma cari w certament iwasslu sa dak il-grad tal-konvinciment morali sabiex tinstab htija fl-appellanti. Huma provi li in bazi taghhom l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal sabiex issib htija f'Priscilla Grixti.

Ghal dawn il-motivi, l-appell ta'Priscilla Grixti qed jigi michud u s-sentenza appellata hija konfermata fl-intier taghha.

(ft) Aldo Testone
Deputat Registratur